MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Numru. 125/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Colin Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Colin Attard, iben Leonard u Maria Dolores nee Aquilina, imwieled Pieta, nhair il-21 ta’ Marzu 1984, residenti Horizon, Flt 1 Triq il-Mensija, San Giljan, detentur tal-karta ta’ l-Identita 169584 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fid-29 ta’ Gunju 2006 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data:

a) ittraffika, biegh, qasam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif emendati.

b) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi fit-tieni seduta u cioe dik tat-28 ta' Jannar 2011 l-imputat irregistra ammissjoni ta' imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat il-provi u semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta’ drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir gratwitament mill-imputat.

Ghall-fini tal-piena, it-tieni (2) imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat ta’ traffikar ta’ droga.

Ghall-fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, il-fatt li l-hati ikkopera mal-pulizija - ghalkemm hawn irid jinghad ukoll li mill-provi jirrizulta li huwa inqabad *red-handed* – li ghalkemm il-fedina penali tieghu mhix netta, lanqas hi wahda allarmanti, li l-imputat inqabad fil-pussess ta’ pillola ecstasy wahda, u mill-istqarrija tieghu – li ma gietx kontestata - jirrizulta li kien ittraffika tlett pilloli ohra biss.

Jirrizulta li ghalkemm l-imputat prova jghin lill-pulizija biex tinqabad il-persuna li pprokuratlu d-droga, t-tentattivi ma taw l-ebda rizultat posittiv. Ghalkemm jirrizulta li dan ma kienx tort ta’ l-imputat, huwa xorta ma jistax jibbenefika ghal riduzzjoni fil-pieni ai termini ta’ l-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u (ii), 120A(2B) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u ir-regolament 3(1) ta’ l-Avviz Legali 22/1985, u l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma’ l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------